**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.),**
**B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josef Gauci)**
**(Spettur Mario Xiberras)**

**vs.**

**Joseph Farrugia**

Numru 13/2019

Illum 28 ta' Marzu 2019

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat **Joseph Farrugia**, ta' hamsin (50) sena, imwieled fl-24 ta' Novembru 1968 is-Sliema, iben Carmel u Carmen xebba Said, u residenti fil-fond Mary Joe, Triq Girgor Buttigieg, Nadur, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 474468(M), akkuzat talli fil-31 ta' Ottubru 2018, ghall-habta tal-ghaxra u nofs ta' filghaxija (22:30hrs) gewwa il-Qasam Industrijali, Xewkija, Ghawdex u/jew fil-vicinanzi f'dawn il-Gzejjer:

**1.** Ikkommetta serq aggravat ta' faccata ta' *dashboard* minn gewwa vettura bil-mutur tal-ghamla Isuzu NKR 77, bin-numru ta' registrazzjoni DCE932, ghad-dannu ta' Mario Formosa (ID: 235979M) u/jew persuni/entitajiet ohra, liema serq huwa aggravat bil-hin u bin-natura tal-haga misruqa, u dan bi ksur tal-Artikoli 261, 270, 271(g) u 281 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioe' hsara fuq vettura bil-mutur tal-ghamla Isuzu NKR 77, bin-numru tar-registrazzjoni DCE932, liema ammont tal-hsara ma jiskorrix il-mitejn u hamsin ewro (€250), u dan ghad-dannu ta' Mario Formosa (ID: 235979M) u/jew persuni/entitajiet ohra, u dan bi ksur tal-Artikolu 325 (1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, talli xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibiegħhom jew imexxihom, u dan bi ksur tal-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Akkuzat aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bhala ufficjal pubbliku jew impjegat pubbliku, u cioe' Kuntistabbli fil-Korp tal-Pulizija ta' Malta, ghamel reat li kellu josserva biex ma'

jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu kellu d-dmir jimpedixxi li jsir, u dan bi ksur tal-Artikolu 141 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet gentilment mitluba biex f'kaz ta' htija tordna lill-akkuzat ihallas l-ispejjes li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz, ai termini tal-Artikolu 533(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha;

Rat l-kunsens tal-Avukat Generali datat 8 ta' Jannar 2019 (Dok. "C");

Rat illi giet esebita rinunzja mill-parte civile Mario Formosa ghal dak kollu li hu rinunzjabbli fil-konfront tal-imputat (Dok "MF1");

Semghet il-provi;

Semghet, waqt is-seduta tal-lum, lill-imputat jammetti l-ewwel (1) u r-raba' (4) imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu u dan skont kif jipprovdi Artikolu 392A(1)(2) tal-Kodici Kriminali u wara li kkonsulta mal-Avukat Dr. Anton Refalo;

Semghet lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li l-akkuza numru tlieta (3) hija alternattiva ghall-akkuza numru wiehed (1) u li l-akkuza numru tnejn (2) hija l-mezz ghall-fini ta' akkuza numru wiehed (1);

Il-Qorti semghet trattazzjoni dwar il-piena;

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti tenfasizza l-bzonn illi l-membri tal-Korpi Dixxiplinati u cioe' Pulizija, Armata, Protezzjoni Civili u sa certu punt l-Ufficjali tal-Komunita', eks Wardens ghandhom ikunu ta' ezempju fis-socjeta' u mhux biss hu mistenni minnhom li jimxu mal-ligijiet tal-pajjiz, izda li hajjithom tkun mibnija fuq valuri morali sodi u jaghtu l-ezempju lil kulhadd kull fejn ikunu u dan japplika mill-ghola Ufficjali sal-izghar Ufficjali tal-Korp;

Il-Qorti twegga' meta tkun f'postijiet varji f'dawn il-gzejjer u tara membri tal-Korp tal-Pulizija li bl-imgieba taghhom ghalkemm ma jkunx hemm ksur tal-ligi, ma jaghtux ezempju tajjeb lil min ikun qieghed jarahom. F'dan il-kaz il-Qorti jiddispjaciha li ghandha quddiemha ex-membru tal-Korp tal-Pulizija liema membri tal-Korp tal-Pulizija jgawdu mill-ikbar stima u appogg minn din il-Qorti. Tifhem li fil-hajja jista' jkun hemm cirkostanzi ta' dalma u jsiru affarijiet li jtappnu karriera shiha ta' tletin (30) sena fil-Korp tal-Pulizija. Il-Qorti rriflettiet hafna fuq is-sentenza li ghandha tinghata f'dan il-kaz u ghalkemm ghandha t-tentazzjoni illi taghti ezempju bil-kaz tal-imputat u taghti piena ta' prigunerija effettiva, mhix se

taghmel dan ghaliex thoss li jekk taghmel dan tkun qieghda twiegeb ghall-ghajta tal-poplu meta jishaq fuq "sallbu sallbu" dejjem jekk il-persuna ma tkunx qarib taghha. Il-Qorti temmen f'gustizzja riparatrici u mhix lesta li tissodisfa l-ghajta ta' dawk li xhin jiftlilhom jiktbu fil-gazzetti u l-*portals* u jattakkaw kif gie gie;

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat fir-rigward tal-ewwel (1) u r-raba' (4) akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, il-Qorti ma tistax hlief ssibu hati ta' dawn l-istess imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu;

Illi, meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in kunsiderazzjoni diversi fatturi fosthom l-ammissjoni bikrija tieghu, il-fatt illi l-imputat skuza ruhu kemm mal-parte civile kif ukoll mas-socjeta' u kif ukoll ir-rinunzja tal-parte civile ghal dak kollu li hu rinunzjabbli fil-konfront tal-imputat;

**Decide:**

Ghaldaqstant, il-Qorti, filwaqt li tillibera lill-imputat mit-tieni (2) u mit-tielet (3) imputazzjonjiet peress illi dawn ma jirrizultawx, wara li rat l-Artikoli 270, 271(g) u 141 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issibu hati tal-ewwel (1) u tar-raba' (4) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u billi Hija tal-fehma li fic-cirkostanzi

piena karcerarja mhijiex il-piena idonea u billi jissussistu l-elementi ai termini tal-Artikolu 7(2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, a tenur tal-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tqieghed lill-imputat Joseph Farrugia taht Ordni ta' Probation ghall-perijodu ta' tlett (3) snin mil-lum, liema ordni hija suggett ghall-kundizzjonijiet elenkati fid-Digriet moghti llum stess u anness ma' din is-sentenza;

In oltre, il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 11 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tqieghed lill-imputat Joseph Farrugia taht Ordni ta' Servizz fil-Komunita` billi jaghmel xoghol bla hlas ghall-mitejn (200) siegha f'dak il-post u skont l-arrangamenti li jsiru mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole, u bil-kundizzjonijiet kollha l-ohra msemmija fid-digriet anness. Il-Qorti tirrakkomanda li x-xoghol fil-komunita' jsir mal-Fondazzjoni Arka f'Ghajnsielem;
Ai termini tal-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti fissret lill-imputat Joseph Farrugia bi kliem car u li jinftiehem l-import ta' dawn l-Ordnijiet u qaltlu x'inhuma l-konsegwenzi jekk huwa ma joqghodx ghall-kundizzjonijiet ta' dawn l-Ordnijiet;

Ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza, tal-Ordni ta' Probation u tal-Ordni ta' Servizz fil-Komunita' moghtija b'Digrieti ta' llum stess ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation sabiex jassenja Ufficjal tal-Probation biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza tal-imputat Joseph Farrugia;

Finalment, il-Qorti tichad it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex l-imputat jigi ordnat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta stante li ma gewx imqabbda l-ebda esperti f'dawn il-proceduri.

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**